MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 2/2005/1

**Joseph u Connie konjugi Testa**

**vs**

**Carmelo Attard**

Il-Bord

Ra r-rikors ta’ Joseph u Connie konjugi Testa:

Illi l-konjugi Testa huma sidien ta’ porzjon ta’ raba maghrufa bhala Ta’ Karac limiti tal-Gudja.

Illi din ir-raba prezentament qeghda bi qbiela ghand l-intimat;

Illi l-istess raba ma hijiex fonti mportanti ghal ghixien tal-intimat;

Illi r-rikorrenti jehtiegu din ir-raba biex tigi uzata minnhom ghal skopijiet agrikoli;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil Bord sabiex jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tar-raba u dan fi zmien iffissat ghal dan l-iskop, salv kull dritt spettenti lill-intimat ghall-benefikati;

Ra wkoll ir-risposta ta' Carmelo Attard:

Illi mhuwiex il-kaz li r-rikorrenti jinhtiegu r-raba' mikri lill-intimat sabiex juzawh ghal skopijiet agrikoli

Ir-rikorrenti ghandhom ukoll jaghmlu l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' dik l-ghalqa;

Minghajr pregudizzju tal-premess, l-ghalqa Ta' Cappa f'Hal-Ghaxaq ilha ghand l-eccipjent 45 sena u inhadmet kull sena, kif ghandha tinhadem;

Dik l-ghalqa hija fonti improtanti ta' l-ghixien ta' l-eccipjent, martu u l-familja tieghu tant li minnha jiehu ta' kull sena ucuh ta' gwiez ghall-baqar tal-halib, u ghalhekk m'hemmx raguni bizejjed biex tigi milqugha t-talba kontenuta fir-rikors; mentri ma jistax ikun li r-rikorrenti jridu l-ghalqa biex jahdmuha personalment meta huma m'humiex nies li jahdmu r-raba;

Fi kwalunkwe kaz, l-eccipjent ibati iktar mir-rikorrenti kieku t-talba kellha tigi milqugha.

Ghalhekk id-domanda kontenenti fir-rikors ghyandha tigi michuda, bl-ispejjes kontra r-rikorrenti;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija talba msejsa fuq dak ravvizat fl-artikolu 4(a) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, talba din ghar-ripreza ta'

raba’ bazata fuq il-htiega taghha mis-sid biex tintuza minnhom ghal-skopijiet agrikoli. Illi dwar din id-disposizzjoni tal-ligi kien hemm diversi sentenzi li enuncjaw l-*iter* procedurali partikolari li ghandu jkun segwit mill-Bord. Fil-kawza **Grezzju Caruana et vs Guzeppi Degabriele App 12/1993 deciz 3/11/2004**, l-Qorti rriteniet hekh:

Jinsab spjegat fis-sentenza fl-ismijiet “**Jane armla minn John Mary Calleja *et* -vs- Francesco Calleja *et***”, Appell, 6 ta’ Ottubru 2000, illi skond it-test tal-ligi fuq riprodott, “liter procedurali li kellu allura jigi segwit mill-Bord kien issegwenti:-

“(a) Il-Bord kellu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba kien jehtiegu biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja. Din il-prova kellha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok minn sid il-kera;

“(b) Il-kerrej kellu mbaghad jipprova li r-raba in kwistjoni kien fonti importanti ta’ l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu;

“(c) Jekk dan l-element jigi sodisfacentement pruvat mill-kerrej, il-Bord kellu jikkonduci l-ezami komparattiv li l-ligi tesigi biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh.”;

Illi fuq l-iskorta ta’ dan l-insenjament gia assodat fil-gurisprudenza taghna, l-Bord ghadda jezamina dawn ir-rekwiziti applikati fil-kaz in dizamina;

Mill-provi akwiziti jirrizulta illi r-rikorrenti huma t-tnejn pensjonanti u qabel dan kienu it-tnejn ghalliema. Minkejja dan, huma, l-aktar ir-ragel tar-rikorrenti, kienu jahdmu l-art mhux fuq bazi full-time u pjuttost fuq bazi ta’ dilettanti u issa xtaqu illi jirriprendu din l-art konsistenti f’zewgt itmiem raba’ biex tahdem minnhom personalment issa li kien hemm divizjoni tal-beni bejn id-diversi sidien ko-propretarji. Ir-rikorrenti ilu jahdem ir-raba ghal dawn l-ahhar tmienja u tletin sena u l-Bord ma jara xejn insolitu li persuna li ilha daqshekk zmien vicin ir-raba tkun trid li

takkwista ftit aktar art. Dikjarazzjonijiet guramentati dawn li fl-assjem tal-provi l-Bord ma jara ebda raguni ghaliex ghandu jiddubita mill-veracita' taghhom u kwindi iqis li l-ewwel test kif fuq spjegat huwa sorvolat b'mod favorevoli ghar-rikorrenti.

Ghar-rigward tal-oneru tal-intimat li jipprova li dan ir-raba huwa font importanti ghall-ghixien tieghu, naturalment il-Bord jaghmel referenza ghal dak li qal l-istess intimat taht gurament meta fl-ewwel lok iddikjara li ilu zmien li wera x-xewqa tieghu li jixtri din l-art izda s-sidien qatt ma qablu bejnithom. F'din l-ghalqa, l-intimat jizra diversi ucuh fosthom patata, ful, pizelli u qamh u juza l-prodott ghall-htigijiet tal-familja konsistenti fil-mara tieghu u bintu dizokkupata u sa recenetment kien joqghod mieghu ibnu li zzewweg u mar joqghod ghar-rasu. Juza ukoll l-prodott biex irabbi xi ftit annimali. L-intimat huwa impjegat mal-Gvern u ma jiddependix minn dan ir-raba izda t-tkabbir tal-prodott jghin biex ikun hemm nefqa anqas mill-introjtu tal-familja li jidher li hu piz unikament fuq l-intimat. L-intimat esebixxa ritratti biex juri ir-raba mahdum u indokrat u l-periti membri tal-Bord ikkumentaw b'mod favorevoli ukoll dwar dan. Ir-rikorrenti invece, esebew ritratti u allegaw illi dan ir-raba tant mhux mehtieg mill-intimat ghal skopijiet agrikoli li qed juza l-art biex jonsob fiha. L-intimat jispjega illi dan mhux minnu principalment ghaliex hu mhux dilettant tal-insib izda huwa dilettant tal-kacca u ibnu juza l-art ghal-kacca ghal ftit jiem matul is-sena. Il-hbula li jidhru fir-ritratti juru, skond l-intimat, bicciet tal-*pipes* li jghaddu minn bejn is-sigar biex meta jingibed il-habel mill-kamra zghira fl-ghalqa, dawn igerrxu l-ghasafar biex jisparaw fuqhom u b'hekk jevitaw li joqghodu jitfghu l-gebel fis-sigar. F'dawn ir-ritratti hemm ukoll evidenza ta' raba mahdum u indokrat. Anke f'dan ir-rigward, il-Bord ma jara xejn li jista' jimmilta kontra l-intimat u jidher li dan huwa fonti importanti ghall-ghiexien tieghu.

Illli ghalhekk jiskatta it-tielet test li ghandu jikkonduci dan il-Bord riferibilment dwar jekk il-kerrej kienx ser ibati aktar mis-sid li kellu jilqa' t-talba tieghu. Issa, kif fuq intqal, ir-rikorrenti huma tnejn pensjonanti u ghandhom pensjoni wiehed ta' tlett mitt lira fis-sena u l-ohra mitejn u hamsin

lira fis-sena. L-intimat ghandu impjieg fiss mal-Gvern u ghandu familja dipendenti minnu. B'hekk huwa logikament dezumibbli li r-rikorrenti gia jinsabu f'qaghda ferm ahjar mill-intimat u li f'kaz tar-ripreza ta' dan ir-raba mir-rikorrenti, l-intimat ser ibati aktar minnhom;

Ghal dawn il-motivi, jichad it-talba;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------